Noel D'Anastas – *ndanastas@gmail.com*






(Mix-xellug): RON WOOD: Ġakketta li libes f'għeluq is-60 sena tiegħu fl-2007; LADY GAGA: Dehret liebsa din il-libsa fil-magazin *Vogue* ta' Marzu 2011; ELVIS PRESLEY: Tibdila li libisha waqt kunċert; BRITNEY SPEARS: Uniformi roża li libset għall-video '(You Drive Me) Crazy'

# Kollezzjoni Teżor fil-Hard Rock Cafè

*Treasures of the Hard Rock* hi l-isem ta' wirja tal-*memorablia* mużikali li bhalissa hemm imtella' fil-Hard Rock Café f'Baystreet, San Ġiljan

Din il-wirja interessanti li qatt qabel ma kellna l-opportunità li naraw bhalha f'pajjiżna, ġiet inawgurata t-Tnejn 30 ta' Settembru. Tiġbor storja intensiva ta' hamsin sena ta' moda fil-ġeneru tal-pop u r-rock, l-identità tal-artist f'dak li deher liebes waqt kunċerti, *videos* u attivitajiet ohra.

Barra l-hwejjeġ tal-artisti, il-wirja tkopri *memorablia* ohra bhal *year-books, passes* tal-kunċerti u thażżiż ta' versi ta' kanzunetti miktuba minn l-id l-artist innifsu.

Fost dak esebit hemm l-uniformi roża li libset Britney Spears ghall-vidjo *(You Drive Me) Crazy*; il-libsa sewda ta' Johnny Cash li tirrappreżenta l-wirt tieghu bhala l-*Man in Black;* il-libsa ta' Lady Gaga li kienet iddisinjata mid-disinjatur Belġjan Toon Geboers b'ispirazzjoni mill-Familja Addams, u l-ġakketta milbusa minn Ron Wood fil-festin li kien sarlu f'gheluq is-60 sena tieghu fl-2007. Ma' dawn hemm l-ilbiesi ta' Gwen Stefani *(No Doubt),* Marc Bolan, Mick Jagger, Prince, Justin Timberlake u Elvis Presley.

Din hi parti minn kollezzjoni akbar ta' *memorablia* li ghandu fid-dispożizzjoni tieghu l-istabbilimenti tal-Hard Rock Café internazzjonali. "Ghamilna kważi sentejn biex ġbarna flimkien din il-kollezzjoni li tlahhaq mas-77 elf biċċa li żgur ghandha ssahhar lil min jiġi jaraha," jistqarr Jeff Nolan, il-kuratur tal-wirja u l-istorjo-grafu tal-Hard Rock.

Il-wirja tibqa' miftuha sas-17 ta' Ottubru. Ghal aktar dettalji żur *www.hardrock.com.*




Chris u Moira u l-band tagħhom. (Xellug): Id-disinn fuq il-cover tad-diska

# Vampires – single oħra ġdida minn *Chris and Moira*

F'Mejju li ghadda, *Chris and Moira* rritornaw b'diska ġdida. Kien ritorn pożittiv wara hames snin neqsin, ghalkemm xorta baqghu attivi b'xi gigs 'l hawn u 'l hemm.

L-ahhar *single* kien jisimha *Flight 170*, ghalkemm dan it-titlu qatt ma jissemma fl-istess kanzunetta. L-istess qed jaghmlu bis-*single* l-ġdida li qed tinhareġ f'dawn il-jiem bl-isem ta' *Vampires* li, bhal dik preċedenti, ma nsibu l-ebda kelma fil-lirika li tittratta ma' xi storja fuq ihirsa jew vampiri

*Vampires* qed tkun akkumpanjata b'vidjo mużikali interessanti. "Meta wiehed jaqra l-lirika jinduna li hi biss espressjoni u li tista' tqabbilha u tifhimha kif trid, imma l-idea tas-suġġett tal-vampiri jaqbel," spjegat Moira.

L-ambizzjoni u d-dubji huma wkoll temi diskussi fil-lirika li b'xi mod qablu mal-kumplament tal-lirika b'xenarju dinamiku. Moira tkompli tikkummenta li fl-istorja hemm l-intensità. "Hemm ukoll żewġ aspetti differenti, il-pożittività u n-negattività tal-bniedem."

Mużikalment, *Chris and Moira* jesperimentaw bi stil partikolari. *Vampires* ghandha ritmu kumplessiv li kontinwament jinbidel. Hi rifless tal-kumplament tal-album il-ġdid.

Il-vidjo ta' *Vampires* hu proġett mahdum b'kollaborazzjoni ma' student tal-MCAST Art and Design u meghjun mill-Malta Arts Fund. Mahdum fuq stil gotiku, juri l-*band* iffurmata minn Chris u Moira, flimkien ma' Billy B (bass) u Philip Borg Barthet (drums), imdawra bi grupp ta' żeffiena b'diversi movimenti u raġġi ta' dwal effettivi li johloq tip ta' ambjent oskur b'kostumi *Steam Punk.* Wiehed jista' jaċċessa dan il-vidjo permezz tal-Youtube.

*Vampires* tista' tinxtara bhala *digital download* minn fuq iTunes. Ghal aktar taghrif ara l-paġna ta' *Chris and Moira* fuq *facebook.*